PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 6868

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 373 tas-6 ta' April 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA - MEMBRI TA' STAFF LI ĦADMU FIS-SEGRETARJATI TAL-PRIM MINISTRU, MINISTRI, EĊĊ**

**39. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista ta' persuni li jaħdmu jew f'xi ħin ħadmu fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika mill-2004 sal-lum u li xi darba kienu jagħmlu parti minn segretarjati privati tal-Prim Ministru, Ministri, Segretarji Parlamentari, Segretarji Permanenti jew persuni appuntati politikament? Għal kull każ, jista' jgħid liema huma dawn is-segretarjati u jagħti l-perjodi eżatti meta servew f'dawn is-segretarjati flimkien mal-karigi li kellhom? Jista' jgħid x'kien il-ħlas u l-perkaċċi kollha li kellhom f'din il-kariga? Jista' jagħti d-data meta ġew impjegati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika? Jista' jgħid jekk kenux impjegati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika wara sejħa pubblika jew le?

15.03.16

**SPEAKER:** L-informazzjoni li s-Sedja rċeviet mingħand l-Awditur Ġenerali hija li rigward persuni li xi darba kienu jagħmlu parti minn Ministeri jew segretarjati privati jirriżulta li żewġ impjegati biss fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ħadmu għal xi ftit xhur kull wieħed f'tali pożizzjoni. F'dan il-kuntest, l-NAO jixtieq jenfasizza li l-impjegati kollha tal-NAO huma strettament preklużi milli jipparteċipaw b'kull mod, kemm dirett kif ukoll indirett, fil-politika partiġġjana.

Għall-amministrazzjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika din hija kundizzjoni essenzjali biex tħares l-integrità tal-Uffiċċju u għalhekk jekk b'xi mod tinkiser iġġib magħha sanzjonijiet dixxiplinari serji mingħajr ebda eċċezzjoni.

Seduta 373
06.04.16